7 ta' Ġunju, 1950

Imħallfin:

L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D., — *President*

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

**Grazio Muscat *versus* Carmelo Savona**

## Assoċjazzjoni in Parteċipazzjoni — Likwidazzjoni — Rendiment ta' Kontijiet.

*F'każ ta' assoċjazzjoni in parteċipazzjoni, l-assoċjati meta tispiċċa l-assoċjazzjoni ma għandhomx l-azzjoni ta' likwidazzjoni ta' l-assoċjazzjoni, imma dik ta' reża ta' kontijiet kontra l-assoċjat li kellu f'idejh l-amministrazzjoni, u għalhekk it-talba għall-ħlas lill-wieħed mill-assoċjati ta' sehmu mill-profitti ta' dik l-assoċjazzjoni ma tistax tiġi kunsidrata fil-ġudizzju fejn tkun intalbet il-likwidazzjoni, u mhux ir-reża tal-kontijiet.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-attur, wara li ppremetta illi l-kontendenti kienu ftehmu verbalment li jaħdmu u jaqsmu bejniethom il-profitti riżultanti bix-xogħol ta' trinek, mogħti mill-War Department, fil-viċinanzi tat-Torri l-Aħmar, il-Mellieħa, u fil-Barracks ta' St. Andrew's, u għamlu bejniethom il-kondizzjonijiet indikati fid-dikjarazzjoni annessa maċ-ċitazzjoni; illi l-attur adempixxa fedelment il-kondizzjonijiet kollha li kienu jolqtu lilu, mentri l-konvenut [illegible] li du ċir-

ka erba' xhur li nkassa l-flus, qiegħed jinnega l-ftehim oriġinali; u illi, non ostanti l-interpellazzjoni per mezz ta' l-ittra uffiċjali tat-12 ta' Novembru 1948, il-konvenut baqa' inadempjenti; talab li wara li tiġi mogħtija kull dikjarazzjoni neċessarja u meħud kull provvediment opportun, għar-raġunijiet hawn fuq indikati, prevja d-dikjarazzjoni li l-kontendenti kienu ftehmu li għandhom jaqsmu l-profitti derivanti mix-xogħol ta' trinek mogħti mill-War Department fil-viċinanzi tat-Torri l-Aħmar, il-Mellieħa, u fil-Barracks ta' St. Andrew's, liema xogħol ġie mogħti fuq offerti li ġew firmati u redatti f'isem il-konvenut biss, iżda li fuq id-dettalji tagħhom kienu ftehmu preventivament il-kontendenti, din il-Qorti tordna l-likwidazzjoni tal-profitti *derivanti mill-imsemmija xogħlijiet*, profitti li l-lum jinsabu totalment f'idejn il-konvenut; liema likwidazzjoni għandha ssir, jekk neċessarju, per mezz ta' periti li jiġu għal din il-fini nominati; u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur, għas-saldu ta' sehmu fin-negozju, nofs dak l-ammont li jirriżulta likwidat in linea ta' l-imsemmija profitti. Bl-imgħaxijiet kummerċjali. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-12 ta' Novembru 1948, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat is-*sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tas-7 ta' Marzu* 1950 li ċaħdet l-eċċezzjonijiet (fol. 5), bl-ispejjeż kontra l-konvenut, u rriżervat li tgħaddi għall-għażla tal-perit likwidatur jekk u meta dik is-sentenza tgħaddi f'ġudikat; billi kkunsidrat;

Kwantu għall-ewwel eċċezzjoni, illi, kif osservat il-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tiegħu r-Re fil-kawża "Borg vs. Gatt", 31 ta' Mejju 1935, anki l-assoċjazzjoni in parteċipazzjoni hija forma ta' soċjetà;

Illi kif jirrileva l-Vivante (paġ. 671, no. 828), "il contratto di associazione in partecipazione ha la più stringente analogia col contratto di società, perchè, al pari di questo, ha per iscopo la divisione degli utili e delle perdite che derivano dall'affare compiuto nell'interesse comune";

Illi għalhekk bu ntuwitiv illi l-assoċjat għandu d-dritt, minbarra li jitlob ir-"resa di conto", anki li jitlob il-likwidazzjoni tal-profitti meta tispiċċa l-impriża li fformat l-oġġett ta' l-assoċjazzjoni; kif spiċċat f'dan il-każ;

Din l-eċċezzjoni għalhekk hi nfondata;

Illi l-ewwel parti ta' din l-eċċezzjoni ma tistax tfixkel il-prosekuzzjoni ta' din il-kawża; għaliex, jekk kien hemm raġuni gravi, konsistenti fil-pretiża traskuraġini ta' l-attur, allura l-konvenut kien imissu, qabel ma spiċċat l-intrapriża, jitlob, jekk deherlu, id-dissoluzzjoni ta' l-assoċjazzjoni in bażi għall-art. 1781 Kap. 23. Jekk ma għamelx dan, il-lum ma jibqagħlux ħlief, se maj, jekk il-pretensjoni tiegħu hi fondata, dritt għad-danni skond l-art. 1757. Qegħdin jissemmew dawn l-artikoli, għaliex, kif ġie deċiż fis-sentenza fuq imsemmija, l-assoċjazzjoni, peress li hi fil-kelma tal-liġi "a kind of partnership", hija wkoll regolata, bħas-soċjetajiet veri u proprji, mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili, minbarra b'dawk tal-Kodiċi Kummerċjali;

Illi għandu jingħad ukoll li ma jirriżultax bl-ebda mod illi l-konvenut, f'xi żmien matul l-eżekuzzjoni ta' l-appalti, ipprotesta ruħu jew ilmenta ma' l-attur li dan ma kienx qiegħed jaqdi dmiru kif imiss...........;

Illi kwantu għall-pretiża l-oħra tal-konvenut, fis-sens li din l-assoċjazzjoni kienet bejn tlieta, ċjoè ż-żewġ kontendenti u iben il-konvenut, Emmanuele Savona, b'mod li l-profitti għandhom jinqasmu bejn tlieta, il-provi ma jsostnux dan l-assunt. Hu ċar li l-assoċjazzjoni ġiet formata, fil-konfront ta' l-attur, bejnu u bejn il-konvenut. Dan imbagħad, peress li evidentement qiegħed irewwem lill-uliedu fin-negozju, daħħal fis-sehem tiegħu, bħala relazzjoni interna, lill-ibnu Emmanuele. Jiġifieri, sar dak li speċi ta' negozju ġuridiku kontemplat fl-art. 1769 Kap. 23, skond liema, soċju jista', anki bla kunsens ta' l-oħrajn, isieħeb lil ħadd ieħor fis-sehem li jkollu fis-soċjetà...........;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut, li biha dana appella minn dik is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tas-7 ta' Marzu 1950;

Rat il-petizzjoni tal-konvenut appellant, li talab li s-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tas-7 ta' Marzu 1950 fuq imsemmija tiġi revokata, u konsegwentement jiġu respinti d-domandi ta' l-attur, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi s-sentenza appellata qatghet biss iż-żewġ eċċezzjonijiet mogħtija mill-konvenut, u ma qatgħetx il-meritu: L-ewwel eċċezzjoni tirrigwarda t-talba prinċipali, relativa għall-likwidazzjoni, iżda ma tistax tolqot it-talba għad-dikjarazzjoni premessa għal dik it-talba u rigwardanti l-ftehim fuq il-qasma talprofitti; fil-waqt li t-tieni eċċezzjoni tolqot preċiżament dik id-dikjarazzjoni. Iżda dawk it-talbiet huma preordinati għat-talba prinċipali tal-likwidazzjoni tal-profitti dipendenti;

Illi ma hemmx kuntrast bejn il-partijiet li bejniethom kienet saret assoċjazzjoni in partiċipazzjoni, kif ġie rilevat fis-sentenza appellata;

Illi kif ġie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza tal-5 ta' Frar 1932 in re "Pietro Paolo Said vs. Filippo Camilleri et.". "nel caso di una associazione in partecipazione, l'azione concessa dalla legge dopo lo scioglimento non è quella di liquidazione ma di resa di conto da parte del socio che gestiva il negozio" (Kollez. Vol. XXVIII—I—693). U l-istess haġa ġie wkoll ritenut mill-Qorti tal-Kummerċ fis-sentenza tad-29 ta' April 1947 in re "Vassallo vs. Zahra". U l-Vivante, a propożitu ta' l-assoċjazzjoni in partiċipazzjoni rrileva :— "Non è qui il caso di parlare di una liquidazione da regolarsi colle discipline dettate per le società commerciali, e nemmeno di una nomina convenzionale o giudiziaria dei liquidatori........... Se l'associante non gli presenta regolarmente il conto coi documenti che lo giustificano, e primo fra questi l'inventario, che è la base del bilancio, l'associato può chiedere al giudice che lo condanni a produrli" (Trattato di Diritto Commerciale, Vol. II, n. 835));

U tabilħaqq, obligu prinċipali u preċipwu ta' l-assoċjati huwa dak li jirrendu l-kont lil xulxin ta' dak li kull wieħed minnhom ikun għamel fl-affari jew kummerċ li jkunu għamlu flimkien (ara sent. Kummerċ 10 ta' Mejju 1870, in re "Abdilla vs. Mercieca". Kollez. Vol. V, p. 399, u Dig. Ital. v. Associazione in Partecipazione, no. 52); u għalhekk l-azzjoni eżerċitabili minn wieħed kontra l-ieħor, u senjatament kontra l-gerenti ta' l-assoċjazzjoni, hija dik li tobligah għar-rendikont, u mhux li, flok li huwa jagħmel rendikont, tindaħal il-Qorti biex tillikwida hi l-qliegħ u t-telf. U l-liġi stess tipprovdi l-mod kif jiġi mpunjat u korrett il-kont meta jiġi mogħti;

Għaldaqstant l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut għandha fondament tajjeb;

Ikkunsidrat;

Illi t-talba prinċipali hija għall-likwidazzjoni, u għalhekk id-dikjarazzjoni pre-ordinata u premessa għal dik it-talba ma tistax tiġi provvduta f'din il-kawża kif ġiet proposta, la darba minħabba dik l-eċċezzjoni preliminari t-talba prinċpali ma tistax tiġi milqugħa;

Ikkunsidrat;

Illi t-talba għall-kundanna tal-ħlas lanqas tista' tiġi milqugħa f'dil-kawża; għax "ante ratione redditae neque creditor neque debitor";

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata fejn ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni li l-azzjoni, in kwantu ntalbet il-likwidazzjoni, ġiet proposta ħażin, u tilqa' dik l-eċċezzjoni; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur. U b'hekk tipprovdi fuq l-appell tal-konvenut relativament għal dik l-eċċezzjoni; u minħabba l-eċċezzjoni li ġiet milqugħa, tordna l-liberazzjoni tal-konvenut mill-ħarsa tal-ġudizzju; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur.